MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-28 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 818/2006

**Av. Dottor David Tonna (numru tal-karta ta' l-identita' 659956 (M)) bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera adidas-Salomon AG.**

**vs.**

**Dr. Leslie Cuschieri u l-P.L. Hilda Ellul Mercer b'digriet tal-14 ta' Novembru 2006 gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta' Albagaih Trading Co., Ltd Import and Export, General Cargo Customs and Services Covering and Paking all Goods, Al Hadar ST Tripoli Libya.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tal-Avukat Dottor David Tonna ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera adidas-

Salomon AG datata 6 ta' Settembru 2006 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

1. Illi s-socjeta' rikorrenti adidas-Salomon AG, ta' Adi-Dassler-Str. 1-2, 91074 Herzogenaurach, tal-Germanja hija proprjetarja ta' diversi markji, fosthom il-markju distintiv maghruf bhala "*three stripes device*", liema markju huwa wzat mis-socjeta' rikorrenti fuq diversi prodotti manifatturati minnha bhal abbiljamenti tal-hwejjeg, zraben sportivi, brieret u prodotti ohra, u dan skond kif jidher fuq id-Dokumenti "A", u "B";
2. Illi s-socjeta' rikorrenti hija detentrici tad-dritt ta' propjeta' industrijali ta' l-istess markju "*three stripes device*" fil-komplessita' tieghu rregistrat fir-Registru tal-Markji f'Malta taht *Trademark No*. 10994 (kif muri f'Dok."A"), kif ukoll minhabba l-fatt illi s-socjeta' rikorrenti ghandha d-drittijiet ta' l-awtur fuq id-disinn jew xoghol artistiku "*three stripes device*" u dan kollu *ai termini* ta' l-**artikolu 2** tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) tal-**KAP 414** tal-Ligijiet ta' Malta, liema markju "*three stripes device*" huwa wkoll irregistrat bhal *Trademark* Komunitarja ma' l-'*Office for Harmonization in the Internal Market'* ta' l-Unjoni Ewropea (ibbazat f'Alicante, Spanja) taht Numru 003517646 (kif muri f'Dok. "B");

3. Illi jirrizulta illi fil-5 ta' Awissu 2006 iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur MV "CMA-CGM VERLAINE", u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta' zraben sportivi li jgibu l-markju "*three stripes device*" fuq imsemmija liema konsenja tikkonsisti f'disa' mija u tnax-il par (912), b'*Container* Numru OTAU9003735 u li ma humiex genwini, u dan bi ksur tal-projibizzjoni ta' l-**artikolu 4 tal-KAP. 414**;

4. Illi mill-Polza ta' Kargu Numru BKDT000564 jirrizulta li l-konsenjatarji taz-zraben sportivi in kwistjoni huma ndikati bhala *Albagaih Trading Co., Ltd Import and Export, General Cargo Customs and Services Covering and Paking all Goods, Al Hadar ST Tripoli Libya*, mentri

jirrizulta li d-dettalji tax-*Shipper* huma ndikati bhala *A & F General Company Limited Co. Ltd*;

5. Illi d-dhul gewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-ri-esportazzjoni ghal-cirkolazzjoni hielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' oggetti li jikkontravjenu dritt dwar il-propjeta' intellettwali huwa projbit skond l-**artikolu 4** ta' l-istess **KAP 414** tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi dawn iz-zraben sportivi in kwistjoni jikkontravvjenu d-drittijiet ta' propjeta' intellettwali tas-socjeta' rikorrenti skond l-**artikolu 2(1) (a) (i), (ii) u (iii) tal-KAP 414**, li favur taghha huwa rregistrat il-markju "*three stripes device*", u jikkontravvjenu wkoll id-drittijiet ta' propjeta' intellettwali tas-socjeta' rikorrenti skond l-**artikolu 2(1) (b)** ta' l-istess **Kap. 414**, kif ukoll jikkontravvjenu d-drittijiet ta' propjeta' intellettwali tas-socjeta' rikorrenti skond l-**artikolu 2 (1) (a) u (b)** tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003 li tirrigwarda l-azzjonijiet li tiehu d-Dwana kontra prodotti li huma sospettati li jikkontravvjenu certi drittijiet ta' propjeta' intellettwali u l-mizuri li jridu jittiehdu kontra prodotti li jinstabu li jikkontravvjenu l-imsemmija drittijiet, u dan kollu kif ben spjegat mill-analizi li ghamel rapprezentant legali tas-socjeta' estera adidas International Marketing B.V. ghas-socjeta' rikorrenti (ara rapport tal-analizi mmarkat bhala Dok. "C");

7. Illi din il-konsenja ta' zraben sportivi bhalissa tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taht il-provvedimenti tal-**KAP. 414** wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' rikorrenti lill-istess Kontrollur wara li gew provduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista' jiddeciedi dwar il-kaz (ara kopja ta' l-applikazzjoni mmarkata bhala Dok. "F");

8. Illi huwa principju ben stabbilit fit-Trattat tal-Komunita' Ewropea u fil-kazistika tal-'*European Court of Justice'* illi r-Regolamenti mahruga mill-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea ghandhom effett dirett gewwa l-pajjizi Membri tal-Unjoni Ewropea u ghaldaqstant il-

provvedimenti legali tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta’ Lulju 2003 u tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 40/94 tal-20 ta’ Dicembru 1993 fuq it-*Trademark* Komunitarja ghandhom jigu nvokati direttament mill-Qrati Maltin fil-kwistjonijiet u l-kawzi li jkunu qed jigu trattati quddiemhom;

9. Illi l-**artikolu 9** tal-Avviz Legali Numru 233 ta’ l-2003 intitolat “Regoli ta’ l-2003 dwar it-*Trademark* Komunitarja” jistipula illi ghall-finijiet ta’ l-**artikolu 91** ta’ l-imsemmi Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 40/94, il-Qrati Maltin li jistghu jittrattaw dwar *Trademarks* Komunitarji huma l-Prim’Awla tal-Qorti Civili u l-Qorti ta’ l-Appell;

10. Illi l-Avukat Dr. David Tonna *nomine* jiddikjara illi l-fatti suesposti jafhom in parti personalment u in parti minn informazzjoni li nghatatlu mill-Kontrollur tad-Dwana u mill-mandanti tieghu;

Illi ghalhekk l-istess rikorrenti *nomine* talbu lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zraben sportivi in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta’ rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b’piraterija (skond l-**artikolu 2(1) (a) u (b) tal-KAP. 414);**

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ din il-konsenja ta’ zraben sportivi li tikkonsisti f’disa’ mija u tnax-il par (912), da parti tas-socjeta’ intimata u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta’ rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta’ proprjeta’ intellettwali tas-socjeta’ rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini, skond l-**artikolu 2 (1) (a) (i) (ii) (iii) u (b) tal-KAP. 414** (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tal-istess KAP. 414, u dan fil-konfront tat-*Trademark* registrat f’isem is-socjeta’ rikorrenti bin-Numru 10994 fir-Registru tal-Markji ta’ Malta, u/jew fil-konfront tad-drittijiet

ta' l-awtur illi s-socjeta' rikorrenti ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha "*three stripes device*";

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din l-imsemmija konsenja ta' zraben sportivi tikkostitwixxi vjolazzjoni ta' l-**artikolu 2(1)(a) u (b)** tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003, u dan fil-konfront tat-*Trademark* registrat f'isem is-socjeta' rikorrenti bin-Numru 10994 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tar-registrazzjoni tat-*Trademark* Komunitarja Numru 003517646 registrat f'isem is-socjeta' rikorrenti (dan kollu skond il-provvedimenti tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 40/94 tal-20 ta' Dicembru 1993 fuq it-*Trademark* Komunitarja (tal-Unjoni Ewropea)), u/jew fil-konfront tad-drittijiet ta' l-awtur illi s-socjeta' rikorrenti ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha "*three stripes device*";

4. Tordna lill-Kontrullur tad-Dwana u/jew lis-socjeta' rikorrenti a bazi ta' l-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba sabiex jiddistruggu z-zraben sportivi in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tas-socjeta' ntimata, skond l-**artikolu 8 tal-KAP. 414**;

5. Tordna kull rimedju iehor li tista' skond it-termini ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) - **KAP. 414** tal-Ligijiet ta' Malta u/jew skond it-termini tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003, fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti;

6. Tordna lis-socjeta' ntimata sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni taz-zraben sportivi in kwistjoni, u ta' l-ispejjez ta' l-ufficjali tad-Dwana skond it-**termini tal-KAP. 414**;

Bl-ispejjez, kontra s-socjeta' intimata li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti tar-rikorrenti nomine a fol. 5, 6 u 7 tal-process liema dokumenti huma Dok. "A"-Estratt originali mahrug mill-Kontrollur tal-Propjeta'

Industrijali mir-Registru tal-Markji ta’ Malta ghal *Trademark* No. 10994; Dok. “B”:- Estratt informali mahrug mir-registru elettroniku (CTM-Online) tal-‘*Office for Harmonization in the Internal Market*’ ta’ l-Unjoni Ewropea ghat-*Trademark* Komunitarja Numru 003517646; Dok. “C”:- Kopja tar-rapport ta’ l-analizi mahrug minn Timothy Behean bhala rapprezentant legali tas-socjeta’ estera adidas International Marketing B.V., ghas-socjeta’ rikorrenti; Dok. “D”:- Certifikat tar-registrazzjoni tas-socjeta’ estera adidas-Salomon AG; Dok. “E”: Kopja ta’ prokura specjali mahruga mis-socjeta’ rikorrenti favur membri ta’ l-ufficju legali MAMO TCV Advocates, u fosthom ir-rikorrent *nomine*, biex jinhatru prokuraturi specjali. Dok. “F”:- Kopja ta’ l-applikazzjoni bil-miktub tas-socjeta’ rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex il-konsenja in kwistjoni setghet tigi maqbuda mill-istess Kontrollur skond it-termini tal-**KAP. 414**.

Rat ir-rikors ta’ l-Avukat Dr. David Tonna *nomine* datat 6 ta’ Settembru 2006 fejn is-socjeta’ rikorrenti talbet lill-Qorti joghgobha tinnomina kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta’ ntimata Albagaih Trading Co., Ltd Import and Export, General Cargo Customs and Services Covering and Paking all Goods, Al Hadar ST Tripoli Libya, fl-atti tar-rikors fuq imsemmija u fl-atti l-ohra kollha relevanti u sussegwenti u tordna li bil-Bandu tigi notifikata l-imsemmija socjeta` *CMA Compagnie Maritime d’Affretement.* Il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Gianninu Caruana Demajo rat id-digriet precedenti, il-bandi mahruga u r-riferta tal-Marixxalli u billi ma deher hadd biex jaccetta l-kurazija nnominat lill-Avukat Dr. Leslie Cuschieri u lill-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi bid-digriet moghti fit-30 ta’ Ottubru 2006.

Rat li dan ir-rikors kien appuntat nhar il-11 ta’ Dicembru 2006 ghas-smiegh minn din il-Qorti kif presjeduta ghas-seduta tal-24 ta’ Jannar 2007 b’dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` rikorrenti sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dakinhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura ta’ l-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti

jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b'riserva ta' kontro-ezami.

Rat iz-zewg noti tar-rikorrenti Dr. David Tonna *nomine* wahda datata 9 ta' Jannar 2006 a fol. 32 tal-process li permezz taghha esebixxa prospett (Dok. "DT1") li fih hemm dettalji dwar il-*quantum* ta' l-ispejjes li jkunu jridu jithallsu mis-socjeta` intimata fl-eventwalita` illi din il-Qorti tilqa' s-sitt talba tas-socjeta` rikorrenti kif dedotta fir-rikors guramentat. Flimkien mal-prospett gew annessi ukoll tliet dokumenti mmarkati Dok "PR1" sa "PR3"; u n-nota l-ohra datata 6 ta' Jannar 2007 (fol. 38) li permezz taghha esebixxa l-affidavit ta' l-ufficjal tad-Dwana George Scerri (immarkat bhala Dok. "GS1")

Rat ir-risposta guramentata tal-Kuraturi Deputati Dottor Leslie Cischieri u l-P.L. Hilda Ellul Mercer *nomine* datata 22 ta' Jannar 2007 a fol. 42 tal-process fejn esponew:

1. Illi b'digriet tas-7 ta' Dicembru 2006, huma gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-kumpanija Albagaih Trading C. Ltd Import and Export.

2. Illi huma ghad ma kellhomx zmien bizzejjed biex jiksbu aktar informazzjoni fuq dan il-kaz u ghalhekk mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz odjern.

3. Illi ghalhekk huma jirrizervaw li jeccepixxu ulterjorment.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi tal-Kuraturi Deputati a fol. 42 u 43 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Jannar 2007 fejn r-rikors gie differit ghas-sentenza ghat-28 ta' Frar 2007.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi s-socjeta` rikorrenti adidas-Saloman AG, kif hawn reprezentata f'dawn il-proceduri mir-rapprezentant taghha Dr. David Tonna permezz tar-rikors guramentat imsemmi ppremettiet li hija detentrici tad-dritt ta' propjeta` ndustrijali ta' l-istess markju "*three stripes device*", liema markju huwa wzat mis-socjeta' rikorrenti fuq diversi prodotti manufatturati minnha bhal abbiljamenti tal-hwejjeg, zraben sportivi, brieret u prodotti ohra u li l-istess socjeta' hija detentrici tad-dritt ta' proprieta' industrijali tal-istess markju *"three stripes device"* u dan huwa rregistrat fir-Registru tal-Markji f'Malta taht *Trademark No*. 10994, (kif muri f'Dok "A"), kif ukoll minhabba illi s-socjeta` rikorrenti ghandha d-drittijiet ta' l-awtur fuq id-disinn jew xoghol artistiku "*three stripes device*" u dan kollu *ai termini* ta' l-**artikolu 2 ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Propjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta,** liema markju *"three stripes device"* huwa wkoll irregistrat bhal *Trademark* Komunitarju ma' l-*'Office for Harmonization in the Internal Market'* ta' l-Unjoni Ewropea (bbazata f'Alicante, Spanja taht Numru 003517646 (kif muri f'Dok "B"); l-istess socjeta' rikorrenti qed tallega u tippremetti li fil-5 ta' Awissu 2006 iddahlet gewwa Malta fuq il-vapur MV "CMA-CGM VERLAINE", u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta' zraben sportivi li jgibu l-markju "*three stripes device*" liema konsenja tikkonsisti disa' mija u tnax-il par (912), b'*Container* Numru OTAU 9003735 u li ma humiex genwini, u dan bi ksur tal-projbizzjoni ta' l-**artikolu 4 tal-Kap. 414**; u li mill-Polza ta' Kargu Numru BKDT000564 jirrizulta li l-konsenjatarji in kwistjoni huma ndikati bhala Albagaih Trading Co., Ltd Import and Export, General Cargo Customs and Services Covering and Paking all Goods, Al Hadar ST Tripoli Libya, mentri jirrizulta li d-dettalji tax-*Shipper* huma ndikati bhala A & F General Company Limited Co. Ltd; u b'hekk l-istess socjeta' rikorrenti qed tallega li d-dhul gewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-ri-esportazzjoni ghall-cirkolazzjoni hielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona

hielsa jew mahzen hieles ta' oggetti li jikkontravjenu dritt dwar il-propjeta' intelletwali huwa projbit skond l-**artikolu 4 ta' l-istess Kap 414** tal-Ligijiet ta' Malta; u l-istess socjeta' rikorrenti tallega wkoll li dawn iz-zraben sportivi in kwistjoni jikkontravvjenu d-drittijiet ta' propjeta` intellettwali tas-socjeta` rikorrenti skond l-**artikolu 2 (1) (a) (i), (ii) u (iii) tal-Kap 414**, li favur taghha huma rregistrati l-markju "*three stripes device*", u jikkontravvjenu wkoll id-drittijiet ta' propjeta` intellettwali tas-socjeta` rikorrenti skond l-**artikolu 2 (1) (b)** ta' l-istess **Kap 414**, kif ukoll jikkontravvjenu d-drittijiet ta' propjeta` ntellettwali tas-socjeta` rikorrenti u dan skond l-**artikolu 2 (1) (a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003** li tirrigwarda l-azzjonijiet li tiehu d-Dwana kontra prodotti li huma sospettati li jikkontravvjenu certi drittijiet ta' propjeta` ntelletwali u l-mizuri li jridu jittiehdu kontra prodotti li jinsabu li jikkontravvjenu l-imsemmija drittijiet, u dan kollu kif ben spjegat mill-analizi li ghamlet rapprezentanta tas-socjeta' estera adidas International Marketing B.V. ghas-socjeta` rikorrenti (ara rapport ta' l-analizi mmarkat bhala Dok. "C"); u li din il-konsenja ta' zraben sportivi bhalissa tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taht il-provvedimenti tal-**Kap 414** wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' rikorrenti lill-istess Kontrollur wara li gew provduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista' jiddeciedi dwar il-kaz (ara kopja ta' l-applikazzjoni mmarkata bhala Dok. "F"); u ghalhekk talbet li l-istess oggetti hekk indikati jigu ddikjarati bhala oggetti foloz u li gew mdahhla b'piraterja bi ksur ta' l-**artikolu 2 (1) (a) u (b) tal-Kap 414;** tiddikjara li d-dhul f'Malta ta' l-istess oggetti hawn identifikati jikkontravjenu d-drittijiet tas-socjeta' rikorrenti abbazi ta' l-**artikolu 2 (1) (a) (i) u (iii) tal-Kap 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Propjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)** u ghaldqastant vjolazzjoni ta' l-**artikolu 4 ta' l-istess Kap 414** u dan fil-konfront tat-*Trademarks* registrati f'isem is-socjeta` rikorrenti bin-Numru 10994 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tad-drittijiet tar-rikorrent; u wkoll li d-dhul f'Malta ta' l-istess tmur kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar id-Drittijet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini), Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta; u b'hekk tordna lill-Kontrollur tad-Dwana

u/jew lis-socjeta' rikorrenti tiddistruggi l-istess zraben sportivi minghajr ebda kumpens u ghas-spejjez tas-socjeta' ntimata estera abbazi ta' l-**artikolu 8 tal-Kap 414;** u tordna li jittiehed kull rimedju iehor skond it-termini ta' l-Att dwar id-Drittijet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini), Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-ahharnett sabiex tordna lis-socjeta` ntimata sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna tad-distruzzjoni ta' zraben sportivi in kwistjoni, u ta' l-ispejjez ta' l-ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-**Kap 414** u dan kollox kif indikat fit-talbiet kontenuti fl-istess rikors guramentat.

Illi tali talbiet huma simili ghal dawk fis-sentenzi **"Av. Dr. David Tonna nomine vs Dr. Leslie Cuschieri et nomine"** (P.A. (LFS) – 14 ta' April 2005) u **"Av. Dr. David Tonna et nomine vs Dr. Anthony Cutajar et nomine"** (P.A. (TM) – 2 ta' Frar 2006); **"Av. Dr. David Tonna et nomine vs Dr. Anthony Cutajar et nomine"** (P.A. (RCP) – 28 ta' Gunju 2006) u **"Av. Dr. David Tonna et nomine vs Dr. Anthony Cutajar et nomine"** (P.A. (RCP) – 1 ta' Novembru 2006) u l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet attrici jidhru li gew kollha konfermati kemm permezz tad-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat ta' Dr. David Tonna datat 6 ta' Settembru 2006 u mmarkati bhala Dok. "A" sa Dok. "F" u mid-dokumenti esebiti man-nota attrici datata 9 ta' Jannar 2007 indikati bhala Dok. "DT1" u Dok. "PR 1" sa Dok. "PR 3" u wkoll mill-affidavit ta' l-Ufficjal tad-Dwana George Scerri (Dok. "GS 1" - fol. 39) tat-8 ta' Jannar 2007 esebiet b'nota datata 9 ta' Jannar 2007.

Illi fil-fatt l-istess xhud ikkonferma li l-istess konsenja kienet giet Malta fil-5 ta' Awissu 2006 u giet ezaminata fit-8 ta' Awissu 2006 fil-presenza ta' ufficjali tad-Dwana u l-agent tal-vapur u kif sar dan kien hemm suspett li tali zraben sportivi bil-marka ADIDAS setghu kienu kontrafatti u dan bi ksur tad-drittijiet tas-socjeta' rikorrenti u wara li saru l-verifiki necessarji mis-socjeta' rikorrenti, jirrizulta s-socjeta' rikorrenti sabet li l-istess oggetti kienu fil-fatt kontrafatti (Dok. "C" u b'dan gie nformat l-istess ufficjal tad-Dwana u l-Kontrollur tad-Dwana u dan permezz ta' ittra datata 22 ta' Awissu 2006 u dan kif jidher ukoll

ikkonfermat minn Dok. “F” datat 17 ta’ Awissu 2006 a fol. 21 tal-process u dan wara li l-istess socjeta’ attrici giet debitament informata b’din il-konsenja u ghalhekk din il-Qorti thoss li l-allegazzjonijiet attrici gew ilkoll ippruvati fil-grad rikjest mill-ligi; fil-fatt l-istess allegazzjonijiet ma gew bl-ebda mod kontestati b’dan li l-ewwel erba’ talbiet attrici ghandhom jigu milqugha u fil-waqt li fir-rigward tas-sitt talba attrici din il-Qorti tirreferi ghad-dokumenti Dok. “PR 1” sa Dok. “PR 3” u dokumenti esebiti man-nota tad-9 ta’ Jannar 2007 u tiffissa l-ammont ta’ spejjez fis-somma ta’ sitt mija u tnejn u tletin Liri Maltin u sbatax-il centezmu (Lm632.17) kollox kif indikat minn fol. 33 sa 36 tal-process.

Illi dwar il-hames talba attrici din il-Qorti thoss li ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ l-istess *stante* li fil-kaz in ezami ma hemmx bzonnha.

Illi ghalhekk hlief ghal dak li nghad dwar il-hames (5) talba attrici t-talbiet tar-rikorrenti l-ohra ghandhom jigu milqugha u dwar is-sitt talba tiddikjara li l-ammont ta’ spejjez mitluba huma dawk ta’ sitt mija u tnejn u tletin liri Maltin u sbatax-il centezmu (Lm632.17) kif hawn indikat.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati nkwantu l-istess huma b’xi mod inkompatibbli ma’ l-istess, u fil-waqt li **tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames (5) talba tar-rikorrenti s-socjeta’ attrici, tilqa’ t-talbiet l-ohra ta’ l-istess socjeta` rikorrenti biss fis-sens hawn deciz** b’dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zraben sportivi in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta’ rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b’piraterija (skond l-artikolu 2(1) (a) u (b) tal-KAP. 414);

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ din il-konsenja ta’ zraben sportivi li tikkonsisti f’disa’ mija u tnax-il par (912), da parti tas-socjeta’ ntimata u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta’ rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta’ proprjeta’ ntellettwali tas-socjeta’ rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini, skond l-**artikolu 2(1) (a) (i) (ii) (iii) u (b) tal-KAP. 414** (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tal-istess KAP. 414, u dan fil-konfront tat-*Trademark* registrat f’isem is-socjeta’ rikorrenti bin-Numru 10994 fir-Registru tal-Markji ta’ Malta, u/jew fil-konfront tad-drittijiet ta’ l-awtur illi s-socjeta’ rikorrenti ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha “*three stripes device*”;

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ din l-msemmija konsenja ta’ zraben sportivi li tikkonsisti f’disa’ mija u tnax-il par (912) skond kif indikat f’din id-decizjoni tikkostitwixxi vjolazzjoni ta’ l-**artikolu 2 (1) (a) u (b)** tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta’ Lulju 2003, u dan fil-konfront tat-*Trademark* registrat f’isem is-socjeta’ rikorrenti bin-Numru 10994 fir-Registru tal-Markji ta’ Malta, u/jew fil-konfront tar-registrazzjoni tat-*Trademark* Komunitarja Numru 003517646 registrat f’isem is-socjeta’ rikorrenti (dan kollu skond il-provvedimenti tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 40/94 tal-20 ta’ Dicembru 1993 fuq it-*Trademark* Komunitarja (tal-Unjoni Ewropea)), u/jew fil-konfront tad-drittijiet ta’ l-awtur illi s-socjeta’ rikorrenti ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha “*three stripes device*”;

4. Tordna lill-Kontrullur tad-Dwana a bazi ta’ l-ewwel talba, t-tieni talba u t-tielet talba attrici sabiex fi zmien ghoxrin (20) gurnata tax-xoghol mid-data ta’ din is-sentenza jiddistruggi z-zraben sportivi in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tas-socjeta’ ntimata, skond l-**artikolu 8 tal-KAP. 414**;

5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ din it-talba in kwantu ntalab sabiex tordna li jittiehed kull rimedju iehor skond it-termini ta’ l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) - **KAP. 414** tal-Ligijiet ta’ Malta u/jew skond it-termini tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta’ Lulju 2003, fil-konfront tas-socjeta’ rikorrenti u dan *stante* li ma hemmx lok ghall-istess f’din il-kawza.

6. Tordna lis-socjeta’ ntimata sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni taz-zraben sportivi in kwistjoni, u ta’ l-ispejjez ta’ l-ufficjali tad-Dwana skond it-**termini tal-KAP. 414** u dan fl-ammont ta’ sitt mija u tnejn u tletin lira Maltija u sbatax-il centezmu (Lm632.17) kif hawn indikat f’din id-decizjoni;

Bl-ispejjez, kontra s-socjeta’ ntimata fil-waqt li l-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------